**Nru. 1372**

**ORDNI TA' KONSERVAZZJONI**

**Regolament 17 tar-Regolamenti dwar il-Protezzjoni tal-Fawna, il-Flora u l-Ambjenti Naturali, 2006 (L.S.549.44)**

**Att dwar il-Protezzjoni tal-Ambjent, 2016**

L-Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjent u r-Riżorsi hija tal-fehma li l-proprjetà li ġejja, jiġifieri:

**Il-Maqluba**

(kif indikat f'**Tabella 1**) hija ta' importanza ekoloġika u xjentifika tant li s-sit ġie nominat bħala Żona Speċjali ta' Konservazzjoni ("SAC") ta' Importanza Internazzjonali (MT0000004) fl-2007 (Notifikazzjoni tal-Gvern 112/07) u ġie inkluż fin-"Network" Natura 2000 tal-Unjoni Ewropea.

L-Awtorità hija tal-opinjoni li s-sit ser jibbenefika minn aktar miżuri ta' konservazzjoni u, bis-saħħa tas-setgħa mogħtija lilha skont ir-Regolament 17 tar-Regolamenti tal-2006 dwar il-Protezzjoni tal-Fawna, il-Flora u l-Ambjenti Naturali (L.S.549.44) (Att dwar il-Protezzjoni tal-Ambjent, 2016), li permezz tiegħu tagħmel, fir-rigward ta' kwalunkwe sit fi ħdan sit protett, Ordni ta' Konservazzjoni biex tikkontribwixxi għall-iżgurar tal-protezzjoni tal-bijodiversità permezz tal-konservazzjoni ta' ambjenti naturali u ta' flora jew fawna selvaġġi u biex jinżammu jew jiġu restawrati ambjenti naturali u speċi ta' flora u fawna selvaġġi jew karatteristiċi ġeoloġiċi, ġeomorfoloġiċi jew fiżjografiċi, l-Awtorità b'dan qiegħda toħroġ Ordni ta' Konservazzjoni fir-rigward tas-sit msemmi hawn fuq.

**Importanza tas-Sit**

Fil-Maqluba jeżistu l-ambjenti naturali t'Anness I (Direttiva 92/43/KEE) li ġejjin:

- **5230 – Arborescent matorral with *Laurus nobilis***
- **8210 – Calcareous rocky slopes with chasmophytic vegetation**
- **9570* – *Tetraclinis articulata* forests**

Speċi importanti oħra rrappurtati mis-sit jinkludu:

- Speċi ta' fungi f'Anness IV (Direttiva 92/43/KEE) u/jew fir-"Red Data Book" ("RDB"):
  ***Daldinia concentrica***
  ***Amanita verna***

**No. 1372**

**CONSERVATION ORDER**

**Regulation 17 of the Flora, Fauna and Natural Habitats Protection Regulations, 2006 (S.L.549.44)**

**Environment Protection Act, 2016**

The Environment and Resources Authority is of the opinion that the following property, namely:

**Il-Maqluba**

(as indicated on **Figure 1**) is of Ecological and Scientific importance such that the site has been designated a Special Area of Conservation (SAC) of International Importance (MT0000004) in 2007 (Government Notice 112/07) and included in the EU's Natura 2000 network.

The Authority is of the opinion that the site will benefit from further conservation measures and, by virtue of its powers under Regulation 17 of the Flora, Fauna and Natural Habitats Protection Regulations, 2006 (S.L.549.44) (Environment Protection Act, 2016), through which it may make, in respect of any site, within a protected site, a Conservation Order to contribute towards ensuring the protection of biodiversity through the conservation of natural habitats and of wild flora or fauna and to maintain and restore natural habitats and species of wild flora and fauna or geological, geomorphological or physiographic features, the Authority is hereby issuing a Conservation Order in respect of the above site.

**Importance of the Site**

Il-Maqluba supports the following Annex I Habitats (Directive 92/43/EEC):

- **5230 – Arborescent matorral with *Laurus nobilis***
- **8210 – Calcareous rocky slopes with chasmophytic vegetation**
- **9570* – *Tetraclinis articulata* forests**

Other important species known from the site include:

- Annex IV (Directive 92/43/EEC) and/or Red Data Book fungal species:
  ***Daldinia concentrica***
  ***Amanita verna***

- Speċi ta' pjanti f'Anness IV (Direttiva 92/43/KEE) u/jew fir-"Red Data Book" ("RDB"):
  ***Laurus nobilis***
  ***Tetraclinis artriculata***
  ***Darniella melitensis***
  ***Chiliadenus bocconei***
  ***Parietaria lusitanica***
  ***Iris sicula***
  ***Urginea pancration***

Speċi ta' annimali invertebrati f'Anness IV (Direttiva 92/43/KEE) u/jew fir-"Red Data Book" ("RDB"):
***Strurnigenys lewisi***
***Deroceras golcheri***
***Bathytropa schembrii***
***Leptothorax rabaudi***
***Paratrechina longicornis***
***Amaurops mifsudi***
***Torneuma maltense***

L-importanza tal-wirt ta' dan is-sit hija aktar emfasizzata bl-inklużjoni tiegħu fil-lista tal-Propjetajiet Skedati skont l-Artiklu 81 tal-Att tal-2010 dwar l-Ambjent u l-Ippjanar tal-Iżvilupp bħala Livell 1 u Livell 2 Żona ta' Importanza Ekoloġika (AEI) u Sit ta' Importanza Xjentifika (SSI) (Notifikazzjoni tal-Gvern 1138 tal-2008) u Żona għall-Ħarsien tas-Siġar skont in-Notifikazzjoni tal-Gvern 473 tal-2011 u l-Avviż Legali 200 tal-2011, u Riserva tas-Siġar skont l-Avviż Legali 12 tal-2001. L-"SAC" hija minnha nnifisha formazzjoni ġeomorfoloġika unika fil-gżejjer Maltin, deskritta bħala struttura *ffurmata bl-azzjoni korrużiva tal-ilma tax-xita, taħt l-art, fuq il-franka*.

Il-Konservazzjoni tal-Maqluba prinċipalment ser tinkiseb bir-restrizzjoni għall-aċċess għall-qiegħ tal-ħofra ("doline") (minħabba raġunijiet ekoloġiċi kif ukoll ta' sigurtà), bil-kontroll tal-ilma tax-xita li jinżel fis-sit, bil-kontroll ta' speċi aljeni invażivi, bit-titjib tal-kuxjenza rigward l-importanza tas-sit, bil-monitoraġġ tas-sit u infurzar effettiv tal-liġi, li jinkludu wkoll attivitajiet li jseħħu barra mil-perimetru tal-"SAC" iżda li xorta potenzjalment jistgħu jaffetwaw l-integrità tiegħha.

**Il-Viżjoni għas-Sit**

Il-viżjoni għall-Maqluba hija sommarju tar-riżultat mixtieq għas-sit wara perjodu ta' tmexxija ta' din iż-żona protetta. Il-viżjoni għas-sit hija:

*Il-Maqluba hija monument nazzjonali magħruf u tagħmel il-komunità lokali tal-Qrendi kburija. Hija formazzjoni ġeomorfoloġika unika fil-Gżejjer Maltin u fiha ambjenti naturali u speċi importanti li għandhom distribuzzjoni*

- Annex IV (Directive 92/43/EEC) and/or Red Data Book plant species:
  ***Laurus nobilis***
  ***Tetraclinis artriculata***
  ***Darniella melitensis***
  ***Chiliadenus bocconei***
  ***Parietaria lusitanica***
  ***Iris sicula***
  ***Urginea pancration***

Annex IV (Directive 92/43/EEC) and/or Red Data Book invertebrate animal species:
***Strurnigenys lewisi*** (ant)
***Deroceras golcheri*** (slug)
***Bathytropa schembrii*** (woodlouse)
***Leptothorax rabaudi*** (ant)
***Paratrechina longicornis*** (ant)
***Amaurops mifsudi*** (beetle)
***Torneuma maltense*** (beetle)

The site's heritage importance is further emphasised by its inclusion in the list of Scheduled Properties in terms of Section 81 of Environment Protection, Act 2016 as a Level 1 and Level 2 Area of Ecological Importance (AEI) and Site of Scientific Importance (SSI) (GN 1138 of 2008) and a Tree protection Area under Government Notice 473 of 2011 and Legal Notice 200 of 2011, and a Tree Reserve under Legal Notice 12 of 2001. The SAC is itself a unique geomorphological formation in the Maltese Islands, defined as a structure *formed by the corrosive solution of subterranean limestone by rainwater*.

Conservation of Il-Maqluba will be mainly achieved through restricting access to the floor of the doline (for both ecological and safety reasons), control of rainwater run-off into the site, control of alien invasive species, improving awareness of the site's importance, site monitoring and effective enforcement of legislation, including of activities taking place outside the SAC boundary but potentially affecting its integrity.

**Vision for the Site**

The vision for Il-Maqluba summarises the desired outcome for the site after a period of management of this protected area. The vision for the site is:

*Il-Maqluba is a nationally renowned natural monument and a source of great pride for the local community of Qrendi. It is a unique geomorphological formation in the Maltese Islands and supports important natural habitats and species*

*restritta. Is-sit ser ikun miżmum permezz ta' programm bil-għan li jneħħi speċi opportunisti li jimirħu f'ambjenti disturbati u speċi aljeni invażivi eżistenti u l-aċċess għall-qiegħ tal-ħofra ser ikun impedit b'eċċezzjoni għall-attivitajiet awtorizzati u ta' tindif essenzjali u ta' riċerka xjentifika. L-attività agrikola fl-art tal-madwar ser tkompli iżda l-bdiewa ser jiġu mħeġġa jnaqqsu l-użu tal-kimiċi fuq l-uċuħ tar-raba biex jiġi evitat* input *ta' nutrijenti żejda fl-"SAC". Il-kwalità tal-pajsaġġ tal-Maqluba u fil-madwar ser ikun miżmum f'livell għoli u interventi bl-għan li jipprovdu ambjent sabiħ għall-viżitaturi tas-sit ser isiru b'kull rispett għall-bżonnijiet tal-konservazzjoni tas-sit. Is-sit ser jibqa' jirċievi kull protezzjoni legali implimentata skont il-leġislazzjoni nazzjonali u politiki lokali filwaqt li jservi bħala riżors edukattiv.*

**L-Objettivi tat-Tmexxija**

L-objettivi tat-tmexxija għas-sit huma:

1. Li jiġi żgurat li iż-żona, l-istruttura u l-funzjoni tal-ambjent naturali 5230 ikunu miżmuma fit-tul.
2. Li jiġi żgurat li ż-żona tal-ambjent naturali 8210 tkun miżmuma u l-istruttura u l-funzjonijiet tiegħu jiġu mtejba.
3. Li jiġi żgurat li ż-żona tal-ambjent naturali 9570* tiżdied u l-istruttura u l-funzjoni tiegħu jiġu mtejba.
4. Li popolazzjonijiet ta' fawna fir-"RDB" preżenti fis-sit jinżammu f'saħħithom.
5. Li tiġi provduta informazzjoni u jiżdiedu l-kuxjenza u l-apprezzament tas-sit tal-pubbliku inġenerali.
6. Li jiġi żgurat li l-biedja fl-għelieqi tal-madwar tkun konformi mal-leġislazzjoni agro-ambjentali u pratkii tal-biedja tajbin.
7. Li jiġi żgurat li ma jsirux attivitajiet illegali fis-sit.

Billi l-Maqluba hija ikkunsidrata ta' valur konsiderevoli minn perspettiva ekoloġika u xjentifika hija, tbati minn impatti mhux mtaffija minn blat instabbli, rimi ta' skart, irfis, preżenza ta' speċi ruderali u aljeni invażivi, attivitajiet ta' rikreazzjoni mhux xierqa f'din il-ħofra, u minn fawrien ta' drenaġġ li f'xi okkażżjonijiet jilħaq il-ħofra.

Għall-konservazzjoni tas-sit l-atteġġjament il ġej ser jittieħed:

1. Iż-żona ser tkun ikkonservata bħala monument naturali nazzjonali minħabba l-formazzjoni ġeomorfoloġika unika u l-ambjent ekoloġiku tagħha.
2. Aċċess għall-qiegħ tal-ħofra għandu jkun ristrett minħabba l-fraġilità ekoloġika u interess fis-sigurtà mill-potenzjal ta' blat li jista' jaqa'.

*with a restricted distribution. The site will be maintained through a programme aimed at removing existing ruderal and invasive alien species and access to the floor of the doline will be barred except for authorised and essential clean-up activities and scientific research. The agricultural activity in the surrounding land will continue but farmers will be encouraged to minimise the use of chemicals on their land to avoid unnecessary nutrient input into the SAC. The quality of the landscape of and around Il-Maqluba will be maintained at a high quality and interventions aimed at providing a pleasant environment to site visitors will be undertaken in full respect of the site's conservation requirements. The site will continue to receive full legal protection implemented in accordance with national legislation and local policies while serving as an important educational resource.*

**Management Objectives**

The Management Objectives for the site are:

1. To ensure the long term maintenance of the area, structure and function of habitat 5230.
2. To ensure that the area of habitat 8210 is maintained and its structure and function are improved.
3. To ensure that the area of habitat 9570* is increased and its structure and function are improved.
4. To maintain healthy populations of the RDB fauna present at the site.
5. To provide information and increase awareness and appreciation of the site among the general public.
6. To ensure that agriculture in surrounding fields is practised in compliance with agri-environmental legislation and good farming practices.
7. To ensure that no illegal activities take place within the site.

Whereas Il-Maqluba is considered to be of considerable value from a scientific and ecological perspective it suffers from unmitigated impacts from unstable rock faces, littering, trampling, presence of ruderals and invasive alien species, inappropriate recreational pursuits within the doline, and occasional sewage overflow reaching the doline.

The following approach to the site's conservation will be taken:

1. The area is to be conserved as a national natural monument in view of its unique geomorphological formation and ecological habitat.
2. Access to the floor of the doline is to be restricted in view of the site's ecological fragility and safety concerns from potential rock fall.

3. Tneħħija ta’ speċi opportunisti u aljeni invażivi li jaffetwaw l-ambjenti naturali u s-sit ikun monitorat biex jiġi żgurat li dawn ma jerġgħux jinbtu.
4. Inspezzjonijiet u programmi ta’ monitoraġġ ser jiżguraw is-sopravivenza fit-tul tal-ispeċi f’Anness IV (Direttiva 92/43/KEE) li jgħixu fis-sit.
5. Attivitajiet agrikoli fl-għelieqi tal-madwar ser jiġu indirizzati sabiex jitnaqqas id-dħul ta’ kimiċi fil-ħofra.
6. Faċilitajiet għall-viżitaturi, li ma jagħtux fil-għajn, li jipprovdu ambjent sabiħ, għan-nies li jżuru din l-“SAC” ser ikunu permessi b’konformità mal-objettivi tat-tmexxija tas-sit.
7. It-tmexxija tal-Maqluba ser tibqa’ ir-responsabbiltà tas-sidien tal-art flimkien mal-Kunsill Lokali tal-Qrendi u l-Awtorità Maltija tat-Turiżmu, li ser jikkonsultaw mal-ERAERA fuq bażi regolari. ‘Maniger tas-Sit’ ser ukoll jiġi ingaġġat.

Il-kundizzjonijiet u d-dispożizzjonijiet li ġejjin marbuta, mal-objettivi tat-tmexxija għandhom ikunu applikati fit-tmexxija/fil-konservazzjoni taż-żona:

**A. Iż-żamma tal-ambjenti naturali u l-ispeċi**

1. L-aċċess għall-qiegħ tal-ħofra għandu jkun strettament projbit ħlief għal riċerka xjentifika awtorizzata u ssorveljata u attivitajiet essenzjali ta’ tindif, li bl-istess mod għandhom ikunu ssorveljati u għandhom isiru biss wara approvazzjoni speċifika bil-miktub mingħand l-ERAERA.
2. Il-maniġer tas-sit għandu jagħmel spezzjonijiet annwali tal-ambjenti naturali 5230*, 8210 u 9570* biex jirrekordja l-medda, l-istruttura u l-funzjoni tagħhom.
3. Matul l-ewwel sena wara il-ħruġ ta’ din l-Ordni, il-maniġer tas-sit għandu jimplimenta programm ta’ eradikazzjoni biex jitneħħew speċi aljeni invażivi minn ġol-ħofra. Il-programm ta’ eradikazzjoni għandu jitfassal minn ekoloġista u sottomess lil ERAERA għall-approvazzjoni qabel l-implimentazzjoni. Wara l-ewwel intervent, is-sit tal-maniġer għandu jispezzjona s-sit fuq bażi annwali għal kwalunkwe interventi addizzjonali li jistgħu jkunu bżonnjużi biex jitneħħew kwalunkwe nebbieta ġodda ta’ dawn l-ispeċi.
4. Matul is-sentejn mill-ħruġ ta’ din l-Ordni, il-maniġer tas-sit għandu jagħmel programm biex jgħin ir-riġenerazzjoni tal-ambjent naturali 9570*. Il-programm għandu jsir minn ekoloġista u arborikoligu u jiġi sottomess lil ERA għall-approvazzjoni qabel l-implimentazzjoni.

3. Existing ruderals and invasive alien species affecting the habitats will be removed and the site monitored to ensure against their re-emergence.
4. Inspections and monitoring programmes will ensure the long-term survival of the Habitats directive Annex IV species inhabiting the area.
5. Agricultural activity in the surrounding fields will be addressed to minimise chemical inputs into the doline.
6. Low-key visitor facilities aimed at providing a pleasant environment for persons visiting the SAC will be allowed in line with the management objectives for the site.
7. The management of Il-Maqluba will remain the responsibility of the land owners in conjunction with the Qrendi Local Council and the Malta Tourism Authority, who will consult with the ERA on a regular basis. A site manager will also be engaged.

The following conditions and provisions linked to the Management Objectives are to be applied when managing/conserving the area:

**A. Maintaining habitats and species**

1. Access to the floor of the doline shall be strictly prohibited except for authorised and supervised scientific research and essential clean-up activities, which likewise shall be supervised and only undertaken following specific written approval from the ERA.
2. The site manager shall carry out annual inspections of habitats 5230, 8210 and 9570* to record their extent, structure and function.
3. Within the first year following the issue of this Order, the site manager shall implement an eradication programme to remove invasive alien species from within the doline. The eradication programme shall be devised by an ecologist and submitted to the ERA for approval prior to implementation. Following the initial intervention, the site manager shall inspect the site on an annual basis for any additional interventions that may be necessary to remove any new sproutings of these species.
4. Within two years of the issue of this Order, the site manager shall devise a programme to aid the regeneration of habitat 9570*. The programme shall be devised by an ecologist and arboriculturalist and will be submitted to the ERA for approval prior to implementation.

5. Fi tliet snin mill-ħruġ ta' din l-Ordni, il-maniġer tas-sit għandu jikkummissjona stħarriġ dwar "slime moulds" u l-popolazzjoni ta' faqqiegħ ġewwa l-ħofra.
6. F'erba' snin mill-ħruġ ta' din l-Ordni, il-maniġer tas-sit jagħmel stħarriġ dettaljat tal-"SAC" biex jistabbilixxi inventarju ta' speċi ta' annimali u xitel li jgħixu fil-qiegħ u mal-ġnub tal-ħofra (inkluż speċi t'Anness II, Anness IV u "RDB") u biex jiġi determinat id-daqs tal-popolazzjoni tagħhom għall-miżuri ta' tmexxija fil-futur.
7. F'ħames snin mill-ħruġ ta' din l-Ordni , il-maniġer tas-sit għandu jelabora Pjanijiet ta' Azzjoni għal speċi t'Anness IV u tar-"RDB" irrappurtati minn din l-"SAC" għall-miżuri futuri ta' tmexxija li jikkonċernaw lil dawn l-ispeċi.
8. F'sena mill-ħruġ ta' din l-Ordni, il-maniġer tas-sit għandu jorganizza attività sorveljata ta' tindif biex jitneħħew żibel u oġġetti oħra mormija fil-ħofra. Din l-attivita' tinħtieġ awtorizzazzjoni bil-miktub mill-ERA, liema permess għandu jinkludi dettalji tat-tindif, numru ta' persuni awtorizzati, u t-tagħmir li ser jintuża. Kull sena, il-maniġer tas-sit għandu jispezzjona l-"SAC" biex jiddetermina l-bżonn għal tindif addizzjonali matul is-snin sussegwenti.
9. F'sitt xhur mill-ħruġ ta' din l-Ordni, il-maniġer tas-sit għandu jinstalla laned taż-żibel b'mudell xieraq u adegwati fil-livell tal-pjazza quddiem il-Kappella ta' San Mattew u fil-livell tal-pjattaforma tal-veduta/belveder. Il-maniġer tas-sit għandu wkoll iwaqqaf programm regolari ta' tindif u tbattil tal-laned taż-żibel biex tiġi żgurata azzjoni kontra ż-żibel fl-"SAC".
10. F'sitt xhur mill-ħruġ ta' din l-Ordni, il-maniġer tas-sit għandu jiddisskuti mal-Korporazzjoni tas-Servizzi tal-Ilma (WSC) biex jiġu identifikati kwalunkwe problemi fis-sistema ta' drenaġġ fil-viċinanzi tal-"SAC" b'viżjoni għal "WSC" biex tħejji and timplimenta pjan sabiex jiġi eliminat il-fawrien ta' drenaġġ għall-ġewwa l-ħofra.
11. Il-maniġer tas-sit għandu jistabbilixxi programm regolari ta' osservazzjoni tat-tjur u ġbir ta' dejta iffukat fuq il-ħofra sabiex tkun aċċertata l-importanza tas-sit għall-avifawna u l-potenzjal tagħha bħala lok fejn speċi speċifiċi ta' għasafar ibejtu.

**B. Żamma tal-importanza tas-sit bħala Żona għall-Ħarsien tas-Siġar**

1. L-importanza tal-Maqluba bħala Żona għall-Ħarsien tas-Siġar hija rikonoxxuta u hawn rinfurzata. Kwalunkwe attività ġewwa jew madwar l-"SAC" li tista' taffetwa il-popolazzjonijiet ta' siġar u arbuxelli,

5. Within three years of the issue of this order, the site manager shall commission a survey of the slime mould and fungal population of the doline floor.
6. Within four years from the issue of this Order, the site manager shall undertake a detailed survey of the SAC to establish a species inventory of the plant and animal species inhabiting the doline floor and sides (including Annex II, Annex IV and RDB species) and to determine their population size for future management measures.
7. Within five years from the issue of this Order, the site manager shall elaborate Action Plans for the Annex IV and RDB species known from this SAC for future management measures concerning these species.
8. Within one year from the issue of this Order, the site manager shall organise a supervised clean-up activity to remove litter and other discarded items from inside the doline. The clean-up will require written authorisation from the ERA, which permission shall include details of cleaning, number of personnel authorised, and equipment to be used. The site manager shall annually inspect the SAC to determine the need for additional clean-ups throughout the subsequent years.
9. Within six months of the issue of this Order, the site manager shall install appropriately designed and adequate litter bins at the level of the piazza in front of St Matthew's Chapel and at the level of the viewing platform/belvedere. The site manager shall also institute a regular cleaning and bin emptying programme to ensure against littering within the SAC.
10. Within six months from the issue of this Order, the site managers shall engage in discussions with the Water Services Corporation to identify any problems with the sewerage system in the vicinity of the SAC with a view for the WSC to devise and implement a plan to eliminate sewage overflows into the doline.
11. The site manager shall establish a regular bird watching and data collection programme focussed on the doline in order to ascertain the site's importance for avifauna and its potential as a breeding location for specific bird species.

**B. Sustaining the site's importance as a Tree Protection Area**

1. The importance of Il-Maqluba as a Tree Protected Area is recognised and hereby reinforced. Any activity within or around the SAC that may impact the populations of trees and shrubs, and in particular

u partikolarment ta’ *Tetraclinis articulata* u *Laurus nobilis* fl-“SAC” hija strettament ipprojbita. Regolamenti f’dan ir-rigward huma stabbiliti f’Taqsima D hawn taħt.

2. Il-maniġer tas-sit għandu jiżgura li jsir stħarriġ annwali fuq il-popolazzjoni ta’ *Tetraclinis articulata* u *Laurus nobilis* fil-“SAC” u r-riżultati jkunu disponibbli għall-ERA. L-istħarriġ għandu jinkludi n-numru u l-età relattiva ta’ kull kampjun, żieda mis-sena ta’ qabel, għoli, ċirkonferenza u l-istat ta’ saħħa ta’ kull kampjun u l-post ta’ kull wieħed ikun muri fuq mappa tal-“SAC”.

**C. Tkabbir tal-kuxjenza dwar l-importanza tas-sit**

1. Il-maniġer tas-sit, f’sena mill-ħruġ ta’ din l-Ordni, għandu jinstalla tabelli u sinjali oħra li jipprovdu informazzjoni lill-viżitaturi dwar l-importanza tal-“SAC”, l-ispeċi karatteristiċi u residenti tagħha u gwida għall-kodiċi ta’ kondotta fiż-żona, inkluż twissijiet rigward sigurtà u projbizzjoni t’aċċess għall-qiegħ tal-ħofra. Dan għandu jsir skont l-istrateġija tal-interpretazzjoni għal Natura 2000 li ser issir man-Nazzjon kollu.
2. F’ħames snin mill-ħruġ ta’ din Ordni, il-maniġer tas-sit għandu jkun ipproduċa fuljetti ta’ informazzjoni u materjal edukattiv bil-mira li jilħaq tfal tal-iskola u partijiet ikkonċernati lokali bil-għan li tiżdied il-kuxjenza dwar l-ambjent naturali u l-ispeċi tiegħu u jkun ukoll stabilixxa programm ta’ żjarat gwidati għall-iskejjel bejn Novembru u Mejju. Dan għandu jsir skont l-istrateġija tal-interpretazzjoni għal Natura 2000 li ser issir man-Nazzjon kollu.
3. Fi tliet snin mill-ħruġ ta’ din l-Ordni, il-maniġer tas-sit, b’konsultazzjoni mal-Kunsill Lokali tal-Qrendi, l-Awtorità Maltija għat-Turiżmu, u l-ERA, għandu jikkunsidra il-possibbiltà li tkun stabbilita pjattaforma ġdida tal-veduta/belveder li tkun tħares fuq il-ħofra. Jekk dan huwa meqjus fattibbli u skont il-prinċipji ta› konservazzjoni għall-“SAC”, id-dettalji tal-interventi li hemm bżonn, id-disinn tal-pjattaforma u strutturi anċillari bħal poġġaman, jiġu sottomessi lil ERA għall-konsiderazzjoni bħala parti mill-applikazzjoni għall-permess tal-iżvilupp.
4. F’sitt xhur mill-ħruġ ta’ din l-Ordni, il-maniġer tas-sit għandu jikkomunika mas-sidien kollha tal-art fl-“SAC” u l-Kunsill Lokali tal-Qrendi sabiex jistabbilixxi grupp konsultattiv konġunt u biex iżommhom infurmati dwar miżuri proposti għall-konservazzjoni.
5. Il-maniġer tas-sit għandu jinvolvu ruħu mal-bdiewa li għandhom l-art fl-“SAC” jew qrib tagħha sabiex jispjega l-importanza tas-sit biex l-attività agrikola

of *Tetraclinis articulata* and *Laurus nobilis* within the SAC is strictly prohibited. Regulations to this effect are established in Section D below.

2. The site manager shall ensure that an annual survey of the population of *Tetraclinis articulata* and *Laurus nobilis* within the SAC is carried out and the results made available to ERA. The survey shall include the number and relative age of each specimen, recruitment from the previous year, height, girth and state of health of each specimen and the location of each also mapped.

**C. Raising awareness on the importance of the site**

1. The site manager shall, within one year from the issue of this Order, install information boards and other signage providing information to visitors on the importance of the SAC, its characteristics and resident species and guidance on codes of conduct while on site, including warnings on safety and prohibiting access to the doline floor. This shall be done in accordance with the interpretation strategy for Natura2000 that will be carried out nationwide.
2. Within five years from the issue of this Order, the site manager shall have produced information leaflets and other educational material to target school children and local stakeholders with the aim of increasing awareness on the habitat and its species and would have established a programme of guided school visits between November and May. This shall be done in accordance with the interpretation strategy for Natura2000 that will be carried out nationwide.
3. Within three years from the issue of this Order, the site manager, in consultation with the Qrendi Local Council, the Malta Tourism Authority, and the ERA, shall consider the possibility of establishing a new viewing platform overlooking the doline. If this is deemed feasible and in line with the conservation principles for the SAC, details of the interventions required, the design of the platform and ancillary structures such as railings, will be submitted to the ERA for consideration as part of a development permit application.
4. Within six months of the issue of this Order, the site manager shall communicate with all owners of land within the SAC and the Qrendi Local Council to establish a joint consultative group and to keep them informed of proposed conservation measures.
5. The site manager shall engage with farmers with land within or in the vicinity of the SAC to explain the importance of the site such that agricultural

fiż-żona issir f'konformità sħiħa mal-liġi eżistenti, mad-dispożizzjonijiet ta' din l-Ordni, u b'rispett totali għall-bżonnijiet għall-konservazzjoni tal-"SAC".

6. Fuq bażi annwali l-maniġer tas-sit għandu jispezzjona ż-żoni miftuħa għall-pubbliku inġenerali għall-kwalunkwe interventi li jista' jkun hemm bżonn minħabba raġunijiet ta' sigurtà.
7. F'ħames snin mill-ħruġ ta' din l-Ordni, il-maniġer tas-sit għandu jivvaluta l-possibbiltà u l-fattibilità ta' mogħdija għall-mixi madwar il-ħofra li tibda mill-Pjazza quddiem il-Kappella ta' San Mattew.
8. Fi tliet snin mill-ħruġ ta' din l-Ordni, il-maniġer tas-sit għandu joħloq sit web u produzzjoni awdjoviżwali tal-ħofra u l-"SAC" biex jipprovdu esperjenza viżwali tan-naħat t'isfel tal-ħofra u l-ispeċi li jgħixu fiha lill-viżitaturi u partijiet ikkonċernati.
9. Il-maniġer tas-sit għandu jikkunsidra jekk huwiex xieraq li jistabbilixxi attività annwali fil-Pjazza quddiem il-Kappella ta' San Mattew li tiffoka fuq l-importanza ambjentali u l-wirt tal-Maqluba u l-madwar tagħha.

**D. Regolazzjoni tal-attivitajiet**

1. Minħabba in-natura fraġli tal-ambjenti naturali fil-ħofra u b'mod partikolari dawk fil-qiegħ tal-istruttura, l-aċċess għall-qiegħ tal-ħofra għandu jkun ibblukkat bi grada xierqa u l-aċċess jkun biss restritt għal interventi essenzjali ta' tmexxija u għal riċerka xjentifika awtorizzata hekk kif provdut f'din l-Ordni.
2. Ħlief hekk kif provdut f'din l-Ordni, ebda żvilupp fiżiku jew installazzjoni ta' tagħmir jkun xi jkun m'għandu jkun permess imkien fil-ħofra jew fit-trufijiet tagħha.
3. It-tixbit mal-blat fl-"SAC" huwa strettament projbit minħabba in-natura fraġli tal-ambjenti naturali u l-instabbiltà tal-blat f'partijiet tal-ġnub.
4. Ebda pikniks, barbikjuws, jew attivitajiet oħra ta' rikreazzjoni ma jsiru fil-ħofra jew f'livell tal-pjattaforma tal-veduta/belveder.
5. Tfiegħ jew rimi ta' skart ta' kwalunkwe materjal ġewwa l-"SAC" u b'mod partikolari fil-ħofra huwa strettament projbit.
6. Kwalunkwe dwal estern (inklużi dwal tat-toroq) fl-"SAC" għandhom ikunu iħarsu li 'l hinn mill-ħofra, ikunu jħarsu l-isfel u jkunu tat-tip "full cut-off" biex jiġi limitat it-tniġġis mid-dawl.

activity in the area is undertaken in full compliance with existing legislation, the provisions of this Order, and in full respect of the conservation requirements of the SAC.

6. On an annual basis the site manager shall inspect the areas open to the general public for any interventions that may be required for safety reasons.
7. Within five years of the issue of this Order, the site manager shall assess the possibility and feasibility of establishing a walking trail around the doline starting from the Piazza in front of St Matthew's Chapel.
8. Within three years of the issue of this Order, the site manager shall create a website and an audiovisual production of the doline and the SAC to provide a visual experience of the lower reaches of the doline and the species inhabiting it to visitors and interested stakeholders.
9. The site manager shall consider the appropriateness of establishing an annual activity at the piazza in front of St Matthew's Chapel that would focus on the environmental and heritage importance of Il-Maqluba and its surroundings.

**D. Regulation of activities**

1. In view of the fragile nature of the habitats within the doline and in particular those on the floor of the structure, the access to floor of the doline shall be blocked off by an appropriate gate and access restricted solely to essential management interventions and for authorised scientific research as provided for in this Order. Access to land owners will not be affected, but their activities shall strictly conform to the provisions of this Order.
2. Except as provided for in this Order, no physical development or installation of equipment whatsoever shall be allowed anywhere within the doline or its edges.
3. Rock climbing within the SAC is strictly prohibited in view of the fragile nature of the habitats and the unstable nature of parts of the rock face.
4. No picnics, barbecues, or other recreational activities are allowed within the doline or at the level of the viewing platform/belvedere.
5. Littering, dumping or discarding of any material within the SAC and in particular within the doline is strictly prohibited.
6. Any external lights (including street lighting) within the SAC shall be directed away from the doline, be directed downwards and be of the full cut-off type to limit light pollution.

7. F'sentejn mill-ħruġ ta' din l-Ordni, il-maniġer tas-sit għandu jikkummissjona studju biex jiddetermina il-bżonnijiet sabiex jiġi immaniġġjat "surface water run-off" minn għelieqi u toroq biswit minħabba li jaffetwa l-ħofra. L-istudju għandu wkoll jikkunsidra il-bżonn għall-kostruzzjoni/ bini mill-ġdid tal-ħitan tal-għelieqi madwar il-ħofra.
8. Tkebbis ta' nirien, barbikjuws jew ħruq tal-logħob tan-nar minn ġol-"SAC" huwa strettament projbit. Il-logħob tan-nar jista' jinħaraq minn barra l-"SAC" b'konformità mal-permessi u liċenzji neċessarji minn awtoritajiet relevanti u suġġett għall-monitoraġġ tal-"SAC" għal kwalunkwe nar aċċidentali.
9. Ebda persuna ma tista' twettaq riċerka *in situ* fuq il-Maqluba u l-fawna u l-flora tagħha sakemm m'hijiex f'pussess ta' permess ambjentali mill-ERA.
10. Il-maniġer tas-sit għandu jispezzjona is-sit fuq bażi regolari mill-anqas kull staġun u wara maltempati kbar. Skeda ta' spezzjonijiet skedati għandha tkun mfassla matul l-ewwel sitt xhur mill-ħruġ ta' din l-Ordni.
11. Il-maniġer tas-sit għandu jwettaq spezzjonijiet annwali tal-mogħdija u t-taraġ li jagħtu għall-pjattaforma tal-veduta/belveder sabiex jidentifika kwalunkwe ħtieġa ta' xogħolijiet, inkluż żbir tas-siġar u arbuxelli sabiex il-mogħdija ssir/tibqa' sikura għall-viżitaturi. Kwalunkwe intervent għandu jirrikjedi permess mill-ERA.
12. Fi tliet snin mill-ħruġ ta' din l-Ordni il-maniġer tas-sit għandu jikkummissjona studju ġeotekniku biex jiddetermina l-istabbilità tal-blat fil-ġnub tal-ħofra u b'mod partikolari il-probabilità li jaqa' xi blat fiż-żona tal-pjattaforma tal-veduta.
13. Applikazzjonijiet għall-permess għal kwalunkwe attivitajiet jew operazzjonijiet regolati b'dawn id-dispożizzjonijiet għandhom jaslu għand il-ERA mill-inqas 30 ġurnata tax-xogħol qabel l-attività jew operazzjoni inkwistjoni.

Jekk il-propjetà suġġetta għal din l-Ordni ta' Konservazzjoni b'xi mod tiġrilha ħsara jew tkun mibdula f'kontravenzjoni ma' din l-Ordni jew l-istat tagħha bħala sit ta' Żona Speċjali ta' Konservazzjoni/sit Natura 2000 huwa bi kwalunkwe mod ipperikolat jew irrevokat, jew jekk kwalunkwe persuna twettaq attivitajiet jew azzjonijiet bi ksur tad-dispożizzjonijiet ta' din l-Ordni tal-Konservazzjoni, l-Awtorità għandha teżerċita l-poteri ta' infurzar tagħha kif stabbilit fir-Regolament 49 tal-Avviż Legali tal-2006, kif ikun applikabbli.

L-14 ta' Diċembru, 2016

7. Within two years of the issue of this Order, the site manager shall commission a study to determine requirements for managing surface water run-off from adjacent fields and roads as it affects the doline. The study is to also consider the need for the construction/re-building of retaining field walls around the doline.
8. Lighting of fires, barbecues or the letting off of fireworks from within the SAC is strictly prohibited. Fireworks can be let off from outside the SAC in compliance with the necessary permits and licences form the rerlvant authorities and subject to monitoring of the SAC for any accidental fires.
9. No person shall undertake any *in situ* scientific research on Il-Maqluba and its fauna and flora unless in possession of an environmental permit from the ERA.
10. The site manager shall inspect the site on a regular basis and at least seasonally and after heavy storms. A schedule of inspections shall be devised within the first six months from the issue of this Order.
11. The site manager shall undertake annual inspections of the pathway and stairs leading down to the viewing platform/belvedere to identify any requirements for maintenance, including pruning of trees and shrubs to render/maintain the pathway safe for visitors. Any interventions shall require permission from ERA.
12. Within three years of the issue of this Order the site manager shall commission a geo-technical study to determine the stability of the rock faces of the doline and in particular the likelihood of rock fall in the viewing platform area.
13. Permit applications for any activities or operations regulated by these regulations are to be received by the ERA at least 30 working days prior to the activity or operation in question.

If the property subject of this Conservation Order is in any way damaged or altered in contravention of this Order or its status as a Special Area of Conservation/Natura 2000 site is in any way jeopardised or rescinded, or if any person undertakes activities or actions in breach of the provisions of this Conservation Order, the Authority shall exercise its powers of enforcement as set out in Article 49 of Flora, Fauna and Natural Habitats Protection Regulations, 2006 (S.L.549), as may be applicable.

14th December, 2016

Tabella 1: Il-Maqluba ("SAC")



Figure 1: Il-Maqluba SAC

